MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 738/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom P. Cutajar & Co. Ltd. u l-istess P. Cutajar & Co. Ltd. f'isimha proprju**
**vs**

**Hashem Rababah**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fil-11 ta' April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm498.00) rapprezentanti danni mhallsa mill-attur nomine fuq il-vettura RZC-333 assigurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' P. Cutajar & Co. Ltd. u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-13 ta' Lulju, 2002, go tas-Sliema waqt li il-konvenut kien qed isuq il-vettura AAO-208 habat mal-vettura RZC-333 ta' P. Cutajar & Co. Ltd. u**

**misjuqa minn Rachel Zammit Cutajar, u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2003 u tal-20 ta' Frar, 2003, u bl-imghax tat-8% fuq erba' mija u tmienja u disghin lira (Lm498.00) mit-28 ta' Jannar, 2003 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali kontra Citadel Insurance p.l.c., assikuraturi tal-konvenut, u inkluz hmistax-il lira (Lm15) tal-konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Renato Cefai ghas-socjeta` attrici li kkonfema li l-ammont ghadu dovut ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm498.00) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Jannar, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2003 u tal-20 ta' Frar, 2003, u bl-imghax tat-8% fuq erba' mija u tmienja u disghin lira (Lm498.00) mit-28 ta' Jannar, 2003 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali kontra Citadel Insurance p.l.c., assikuraturi tal-konvenut, u inkluz hmistax-il lira (Lm15) tal-konsult, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------